Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2003

Appell Kriminali Numru. 274/2002

**Il-Pulizija**

**v.**

**Jason Zammit**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Jason Zammit talli (**1**) fi Triq it-Torri, Sliema, fid-9 ta' April, 1999 ghall-habta ta' l-ghaxra ta' filghaxija [waqt li kien qed isuq] vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAL-815 tal-ghamla Volkswagen Golf b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna l-mewt ta' Jennifer Pithie ta' nazzjonalita` Belgiana; (**2**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna feriti ta'

natura hafifa fuq il-persuna ta' Michael Pithie ta' nazzjonalita` (*sic!*) Skocciza; (**3**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-art jew fil-professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Ingrid Pithie nee` Wernaers ta' nazzjonalita` Belgiana; (**4**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'manjera perikoluza, (**5**) traskurata u (**6**) bla kont; (**7**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq l-istess vettura b'sewqan aktar milli jmissu; (**8**) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura u kien riesaq lejn *pedestrian crossing* naqas milli jnaqqas il-velocita` u jieqaf meta dawk l-istrixxi pedonali kienu qed jintuzaw mill-pubbliku; (**9**) talli meta kien involut f'incident tat-traffiku naqas li jieqaf u jaghti l-partikularitajiet tieghu, tal-vettura u tas-sid taghha; u (**10**) talli b'hekk sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali wara li nstab hati b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Marzu, 1997; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena tissospendi kull licenzja tas-sewqan tal-imputat Jason Zammit ghal dak il-periodu ta' zmien li l-istess qorti jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-1 ta' Novembru, 2002 li permezz taghh dik il-qorti sabet lill-imsemmi Jason Zammit "hati skond l-akkuza" [**<u>recte</u>:** hati skond l-imputazzjonijiet] u kkundannatu **sentejn prigunerija u multa ta' elfejn lira (Lm2000)**; dik il-qorti inoltre **ssospendiet il-licenzja tas-sewqan ta' l-istess Jason Zammit ghal periodu ta' ghaxar snin**, u **kkundannatu jhallas l-ispejjez kollha inkorsi fil-perizji ordnati f'dan il-kaz**;

Rat it-talba ghas-sospensjoni ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza, debitament maghmula u akkordata fl-1 ta' Novembru, 2002;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Jason Zammit, minnu ppresentat fit-12 ta' Novembru, 2002, li permezz tieghu

talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza ta’ nhar il-Gimgha, 28 ta’ Frar, 2003; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghall-piena. L-appellant jilmenta principalment mill-fatt li huwa kien tossikodipendenti fiz-zmien ta’ l-incident, u li sal-lum huwa ghamel sforzi kbar – ghalkemm mhux kollha bir-rizultat mixtieq – biex huwa johrog mill-problema li kellu u li ghad ghandu. Huwa jghid li ghadu qed jaghmel tali sforzi. Aktar specifikatament huwa jilmenta mill-piena tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta’ ghaxar snin, li huwa jqis li kienet eccessiva.

Dana l-appell jirrazenta l-fieragh, u din il-Qorti ma kienitx tezita li tikkundanna lill-appellant ghall-penali kontemplata fl-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali li kieku ma kienx ghall-fatt li, kif ser jigi spjegat aktar ‘l quddiem, l-ewwel qorti applikat il-piena zbaljata. Bis-sewqan traskurat, perikoluz u bla kont tieghu l-appellant tajjar u qatel tifla ta’ erbatax-il sena waqt li din kienet qed taqsam regolarment minn fuq *zebra crossing* u korra wkoll lill-genituri taghha li kienu qed jaqsmu maghha. Ghalkemm intebah li hu kien laqat lil xi hadd jew xi haga – ghax addirittura inkisirlu l-*windscreen* – l-appellant baqa’ sejjer biex irrenda l-kaz wiehed ta’ *hit and run*. Meta l-appellant (allura imputat) xehed quddiem l-ewwel qorti huwa ammetta li bi-xokk li kellu minhabba l-habta huwa kien baqa’ sejjer lejn il-Marsa fejn kellu mohbija l-erojina u ha minnha.

Il-manjera bla kont li biha kien qed isuq l-appellant tirrizulta car mid-deposizzjonijiet taz-zewg xhieda okulari – Philip Incorvaja u George Pace. Dawn it-tnejn kienu ghaddejjin wara xulxin fl-istess direzzjoni (u fid-direzzjoni opposta ta’ minn fejn kien gej l-appellant) u waqfu proprju biex ihallu lill-familja Pithie taqsam. Incorvaja[1], li kien quddiem, jghid hekk:

[1] Fol. 97.

***…rajt ragel, mara u tifla u waqaft. Kienet pjuttost tfajla. Stajt narahom cari. Kien hemm dawl tajjeb, tat-triq u tal-karozzi. Iz-zebra crossing rajtha cara. Huma bdew jaqsmu, it-tlieta flimkien, rajt karozza gejja mid-direzzjoni opposta. Il-persuni kienu flimkien izda t-tifla kienet kemxejn warajhom. Il-vettura li giet mid-direzzjoni opposta, giet qisha vlegga u laqtet lit-tifla li taret, u l-ohrajn waqghu ma' l-art. It-tifla misset kemm kemm il-karozza tieghi sakemm mhux il-handbag u spiccat warajja. Jien mill-ewwel cempilt l-ambulanza…Smajt brake forsi ezatt qabel ma laqghatha. Il-vettura baqghet ghaddejja anzi iktar zied…***

U George Pace[2], li kien wieqaf wara Incorvaja, jghid hekk:

***F'daqqa mid-direzzjoni opposta nara head lights li f'daqqa rajthom javvicinaw b'tali manjiera li f'mohhi ghidt "dan m'hemmx cans li jieqaf" u fl-fatt laqghat tifla li gholiet u spiccat quddiemi peress li jien kont waqqaft il-vettura tieghi quddiem id-Diplomat Hotel…Brake ma smajtx qabel id-daqqa, biss wara [u] l-vettura sslowjat ftit u tbandlet wahda hdejja u telqghet bi speed gholi…Ghadda minn ma genbi qisu vlegga…***

L-ewwel qorti ttrattat il-kaz, ghal dik li hi piena, bis-severita` kollha li kien jimmerita u jidher li kellha l-hsieb li taghti l-piena <u>massima</u> ghall-omicidju involontarju li kienet applikabbli fiz-zmien ta' meta gara l-fatt. Din il-piena kienet, skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, ta *"…prigunerija ghal zmien mhux izjed minn sentejn* ***jew*** *multa mhux izjed minn elfejn lira"* [3]. Sfortunatament jidher li l-ewwel qorti ma rrealizzatx li l-kongunzjoni hija "**jew**" u mhux "**u**", b'mod li tat <u>ukoll</u> il-piena pekunjarja skond l-imsemmi artikolu fil-massimu taghha. Evidentement dan ma setghetx taghmlu. Il-piena pekunjarja massima li l-ewwel qorti setghet timponi (u dan fir-rigward tar-reati l-

---

[2] Fol. 96.

[3] Bl-emendi li gew fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002 il-piena saret ta' *"...prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa mhux izjed minn hamest elef lira".*

ohra, cioe` dawk ipotizzati fl-imputazzjonijiet l-ohra ghajr l-ewwel wahda) kienet (b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 17(f) tal-Kodici Kriminali) ta' mija tnejn u sittin lira u hamsin centezmu (Lm162.50).

Kwantu ghall-piena tas-sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan, din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-ewwel qorti li din kellha tkun ghal periodu twil. L-appellant wera li ma jafx isuq karozza minghajr ma jkun ta' perikolu ghal haddiehor, u l-qrati ghandhom id-dmir li jipprotegu lis-socjeta` billi jimponu periodi twal ta' sospensjoni f'kazijiet simili b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 30 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarja tali periodu.

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant Jason Zammit multa ta' elfejn lira u minflok tikkundannah multa ta' mija tnejn u sittin lira u hamsin centezmu (Lm162.50), konvertibbli fi tnejn u tletin gurnata prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

--------------------------------TMIEM--------------------------------